# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Gunju, 2001**

**Numru 14**

**Citaz. numru 1269/95 GV**

**Joseph Bellizzi u martu Marianne Bellizzi ghal kull interess li jista' jkollha.**

**vs**

**Is-Sur Joseph Grioli bhala Chairman u s-Sur Alfred Cremona bhala Executive Director Yachting Centres Directorate ghan-nom u in rapprezentanza tal-Awtorita' Marittima ta' Malta u Salvatore Bellizzi, intervjenti in kawza.**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI</u>**

1. B'citazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili l-atturi appellanti ppremettew illi l-attur Joseph Bellizzi ilu jorbot il-frejgatina tat-turisti li llum iggib numru ta' registrazzjoni S 11217 mal-marbat jew irmigg

f'Wied iz-Zurrieq ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena u cioe' mill-1981 meta huwa beda jahdem full-time b'din il-frejgatina ; illi dan il-marbat ilu ghand il-familja Bellizzi ghal zmien twil u kien jorbot hemm in-nannu ta' l-attur kif ukoll missier l-attur u hu missier l-attur ; illi l-kugin tal-attur Saviour Bellizzi li jorbot ukoll mal-marbat li jorbot mieghu l-attur peress li joqghodu zewg frejgatini fuq dan il-marbat, applika ghall-permess mal-konvenut nomine u nhariglu dan il-permess fis-Sajf ta' din is-sena ; illi l-attur applika wkoll ghall-permess biex jorbot il-frejgatina tieghu ma' dan il-marbat fit-18 ta' Lulju 1995 (Dok A) u rcieva biss acknowledgement fl-24 ta' Lulju 1995 (Dok B) minghand il-konvenuti nomine ; illi hemm kwistjoni bejn Saviour Bellizzi u l-attur fuq min ghandu dritt jorbot ma' dan il-marbat, meta t-tnejn illum jorbtu hemm, daqqa wiehed jorbot quddiem u daqqa ohra jorbot wara u vici versa ; illi meta l-attur indaga mal-Awtorita' Marittima ghalfejn ma nhariglux il-permess, dawn qalulu biex jirranga ma' Saviour Bellizzi, pero' dana ma jistax isir ghax huma qeghdin imlewwmin u ma jitkellmux u sahansitra Saviour Bellizzi ghamel kwerela kontra l-attur ghax baqa' jorbot hemm ; illi l-attur ghandu dritt jorbot il-frejgatina tieghu ma' dan il-marbat daqs kemm ghandu Saviour Bellizzi li fil-fatt jahdem biss part-time, peress li dan il-'jus' gej minghand in-nannu tal-attur u ta' Saviour Bellizzi u kienu jorbtu hemm ukoll missirijiethom ; illi dan il-permess qed jigi mizmum arbitrarjament mill-konvenuti nomine ; Talbu lill-konvenuti proprio et nomine jew min minnhom, jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti (1) tiddikjara illi l-attur ghandu dritt jorbot il-frejgatina tat-turisti

tieghu bin-numru ta' registrazzjoni S 11217 mal-marbat jew irmigg f'Wied iz-Zurrieq; (2) tiddikjara illi l-attur huwa intitolat li jinhariglu l-permess mill-konvenut nomine sabiex jorbot l-imsemmija frejgatina mal-marbat jew irmigg f'Wied iz-Zurrieq ; (3) tikkundanna lill-konvenuti nomine johorgu l-permess necessarju sabiex l-attur jorbot l-imsemmija frejgatina mal-marbat jew irmigg f'Wied iz-Zurrieq ; Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine ingunti in subizzjoni.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-AWTORITA' MARITTIMA TA' MALTA</u>**

2. Il-konvenuti appellanti Awtorita' Marittima ta' Malta ecceppew (1) illi t-talbiet tal-ttur huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ; (2) illi l-Awtorita' Marittima ta' Malta giet imwaqqfa bl-Att Nru. XVII tal-1991 ghal ezercizzju u l-qadi tal-funzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' portijiet, bajjiet u bastimenti merkantili f'Malta. L-Artikolu 6 (1b) jghid testwalment illi l-Awtorita' "ghandha l-funzjoni li tezercita kontroll shih dwar il-bon ordni fl-ibhra territorjali u interni ta' Malta ; f'kull Port, u fl-art u fil-bahar li jkun qarba ta' kull port u fuq il-mollijiet. L-artikolu 6 (2b) jipprovdi illi l-Awtorita' ghandha d-dritt li tipprovdi u tizgura l-provvediment ta' servizz ta' rmigg lill-bastimenti. L-artikolu 7 (4a) ta' l-istess Att jghid li l-Awtorita' ghandha s-setgha li tordna fejn xi bastiment ghandu jsorgi, jirmiggja jew jankra. Ghalhekk, hija l-Awtorita' konvenuta li ghandha d-dritt li tiddetermina l-hrug ta' permessi ghal irmiggi f'Wied iz-Zurrieq ; (3) illi fir-

rigward tal-ewwel domanda ta' l-attur, l-allokazzjoni ta' irmigg mill-Awtorita' lis-sidien ta' l-opri tal-bahar ma jaghtix xi dritt lil dawn ta' l-ahhar. L-allokazzjoni tista' tinbidel skond l-esigenzi, u dan huwa ben notat lil kull persuna li tapplika ghal xi rmigg ; (4) illi fir-rigward tat-tieni domanda, l-Awtorita', dejjem biex taqdi dmirijietha skond il-ligi, qeghda tiehu passi sabiex sidien ta' frejgatini f'Wied iz-Zurrieq jigu allokati lilhom irmigg godda bla kaos u dan minghajr telf ta' xi dmirijiet. Ghaldaqstant l-Awtorita' mhux qieghda tohrog permessi godda ghal Wied iz-Zurrieq qabel ix-xoghol u studju preparatorju mehtieg ikun komplut ; (5) illi t-tieleta domanda tal-attur tiddependi fuq l-ewwel zewg domandi u ghalhekk bl-istess mod ghandhom jigu respinti ; (6) salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjez.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-INTERVENUT FIL-KAWZA SALVATORE BELLIZZI</u>**

3. L-intervenut fil-kawzaSalvatore Bellizzi eccepixxa : (1) illi t-talba attrici m'ghandhiex tigi irtirattenuta billi dak li gie koncess lill-intervjenti mill-Awtorita' konvenuta fis-27 ta' Gunju 1995 huwa kontinwazzjoni ta' dak precedentement moghti b'encroachment (Permess Numru 95121) lil Michael Bellizzi missier l-intervjenti fl-10 ta' Gunju 1970 ; (2) illi f'kull kaz din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tistharreg il-validita' tal-att tal-Awtorita' attrici u dan ai termini tal-Artikolu 469 A Kap. 12 kif lanqas

ma ghanda gurisdizzjoni tordna li ssir xi haga mill-istess Awtorita' ; salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi l-fatti fis-semplicita' taghhom huma :-

Illi l-esponenti Joseph Bellizzi jahdem ta' barklor Wied iz-Zurrieq u ghandu frejgatina tat-turisti bin-numru ta' registrazzjoni S 11217.

Illi huwa ghandu wkoll il-permess biex jopera din il-frejgatina bin-numru 41 kopja ta' dan il-permess u l-assikurazzjoni relattiva ghal din il-frejgatina huma esebiti mal-affidavit tal-esponent markat bhala dok. JB1 u JB2 et seq tal-process.

Illi l-familjari tal-appellant minn zmien ilu kienu jorbtu ma' dan il-marbat f'Wied iz-Zurrieq li prezenzjalment igib in-numru 15 (numru tal-Malta Maritime Authority) u ma' dan il-marbat kienu jorbtu n-nannu, missier u z-ziju tal-esponenti.

Illi wara l-mewt tan-nannu tal-esponenti kienet saret kawza ta' divizjoni l-Qorti (Prim Awla, Mikiel Bellizzi vs Vincenzo Bellizzi et, 21/3/70 Dok. JB3 annessa mal-affidavit), fejn missier l-esponent Vincenzo Bellizzi, missier Saviour, Mikiel Bellizzi u z-zewg huthom l-ohra qablu taht l-awtorita' tal-Qorti "inter alia" li "l-marbat li hemm Wied iz-Zurrieq ghandu jibqa' IN KOMUN bejn il-kontendenti ; u jekk ma jkunx hemm

post biex jintrabtu mieghu l-ingenju ta' lkoll, ikunu jistghu jintrabtu l-ingenji ta' min jilhaq" (ara s-sentenza Dok. JB3 a fol 32 et seq tal-process).

Illi ghalhekk huwa car li l-esponenti ghandu dritt jorbot il-frejgatina tieghu ma' dan il-marbat.

Illi fuq dan il-marbat joqghodu zewg frejgatini.

Illi l-appellant ilu jorbot il-frejgatina tieghu ma' dan il-marbat mill-1981 meta beda jahdem full-time bil-frejgatina u dan minflok missieru.

Illi l-kugin tal-appellant u intervenut fil-kawza, Saviour Belizzi, jorbot ukoll ma' dan il-marbat.

Illi Saviour Bellizzi applika ghal permess mal-Malta Maritime Authority u nghata dan il-permess fis-Sajf tal-1995.

Illi l-appellant applika ghal permess simili biex jorbot il-frejgatina ma' dan il-marbat fit-18 ta' Lulju 1995 u nghata biss acknowledgement mill-Malta Maritime Authority.

Illi l-appellant jahdem bil-frejgatina full-time mentri l-kugin Saviour Bellizzi jahdem biss part-time.

Illi meta huwa ndaga mal-Malta Maritime Authority ghalfejn ma nhariglux il-permess, dawn qalulu biex jirranga ma' Saviour Bellizzi pero' dan ma jistax isir ghax huma qeghdin imlewmin u sahansitra ttiehdu proceduri kriminali kontra l-esponenti fuq kwerela ta' Saviour Bellizzi fejn l-esponenti gie liberat.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI**

4. B'sentenza tat-30 ta' April 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**L-APPELL TAL-ATTURI**

5. L-atturi appellaw minn dik is-sentenza fuq l-aggravju segwenti :-

(i) Illi fil-Preliminari tas-sentenza l-ewwel Qorti stqarret li "Rat li ma saret ebda nota ta' l-attur." L-esponenti ipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu fl-24 ta' Frar 1999 u din tinsab inserita ezatt wara l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar 1999. In-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-esponenti ggib il-Cash numru 4062.

Illi l-appellant huwa aggravat ghax huwa evidenti li l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tas-Sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk huwa qieghed jitlob umilment lil din il-Qorti tal-Appell tiehu konjizzjoni ta' din in-Nota ta' Sottomissjonijiet fid-decizjoni finali taghha.  A skans ta' ripetizzjoni inutli l-esponent mhuwiex ha jirrepeti f'dan l-appell is-sottomissjonijiet li ghamel f'dik in-Nota pero' ha jzid maghhom.

Jidher car li f'din is-sentenza li qeghda tigi appellata sar zball li jidher mill-atti u li ppregudika sew lill-appellant.

(ii) Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-appellant ghandu dritt jorbot il-frejgatina tat-turisti tieghu mal-marbat jew irmigg f'Wied iz-Zurrieq.  Illi d-dritt tal-esponenti jirrizulta mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Mikiel Bellizzi (vs) Vincenzo Bellizzi et, 21/3/1970 – Dok. JB3 anness mal-affidavit tal-esponenti a fol. 32 et seq tal-process, li ormai ghaddiet in gudikat u torbot lill-partijiet u lill-eredi taghhom.

B'dik is-sentenza missirijiet l-appellant u l-intervenut fil-kawza ttransigew u ftehmu dwar diversi partiti mobbli u immobbli komprizi fil-massa ereditarja u l-Qorti kkonfermat it-transazzjonijiet fuq riferiti.  Fost dawn il-partiti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'dik is-sentenza tal-21 ta' Marzu 1970 ikkonfermat li "Il-marbat li hemm Wied iz-Zurrieq (suggett tal-kawza odjerna) ghandu jibqa' IN KOMUN bejn il-kontendenti ; u jekk

ma jkunx hemm post biex jintrabtu mieghu l-ingenji ta' lkoll, ikunu jistghu jintrabtu l-ingenji ta' min jilhaq."

L-appellant wiret dan id-dritt minghand missieru kif hija l-prattika f'Wied iz-Zurrieq u kif konfermat mid-diversi xhieda li ressaq l-esponenti (ara affidavits a fol. 45 – 47 a fol. 62). Hawnhekk issir riferenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civilki fl-ismijiet Carmelo Camilleri (vs) Carmelo D'Amato tal-15 ta' Ottubru 1997 (Kopja annessa u mmarkata Dol. FD) li rriferiet ghalija l-Awtorita' konvenuta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha pero' annettiet biss 'press cutting' u mhux is-sentenza infisha. Fil-fatt, din is-sentenza kontra dak li allegat l-Awtorita' konvenuta fin-Nota Responsiva taghha pprezentata fit-30 ta' Marzu 1999 ma dahlitx "fil-validita' o meno ta' din l-uzanza" li f'Wied iz-Zurrieq l-irmiggi jintirtu mill-missier ghall-iben" u dan ghaliex f'dik il-kawza l-ebda wahda mill-partijiet ma write id-dixxindenza diretta mill-persuna li zamm l-opra tal-bahar – ara pagna 3 tas-sentenza (mhux bhal kif gara fil-kawza odjerna!).

F'Camilleri (vs) D'Amato l-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici wara li kkunsidrat li l-attur ghandu uzu esklusiv tal-marbat u l-hbula huma proprjeta' tieghu. Dik il-Qorti wkoll ma tatx importanza li nghatat lill-permess ottenut mill-konvenut mill-perit legali – ara pagna 5 tal-istess sentenza.

Il-posizzjoni legali dwar id-dritt tal-appellant giet enuncjata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza kwotata mill-intervenut fil-kawza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, li pero' ghal xi raguni li l-esponenti ma jistax jifhem, ma gietx riportata interament fin-Nota tal-intervenut fil-kawza. Din is-sentenza hija riportata f'Volum XLIV.11.524 fil-Kollezzjoni tad-Decizjonijiet u mhux volum X LV kif ikkwotat mill-intervenut fil-kawza u hija fl-ismijiet Giuseppe Cutajar et (vs) Giuseppe Cutajar et per Onor. Imhallef Dr. A. V. Camilleri moghtija fis-27 ta' Frar 1960. F'din is-sentenza gie deciz li :-

> "Marbat jew ormegg li jigi pratikat fil-blat f'xatt il-bahar ma jistax jigi akkwistat mic-cittadin privat bhala proprjeta' ; ghax il-blat fejn isiru l-hofor jew it-toqob li maghhom is-sajjieda jorbtu l-opri taghhom tal-bahar huma demenjali, u bhala tali huma inaljenabbli u 'extra commercium' u lanqas ma huwa suxxettibbli ghall-preskrizzjoni.
>
> FIL-PRATTIKA, PERO' HEMM IL-KONSWETUDINI, TOLLERATA MILL-GVERN, ILLI MIN JAGHMEL UZU TA' ORMEGG JIBQA' JGAWDI DAK L-UZU, U L-ORMEGG JIBQA' GHALIH, SAKEMM HU MA JABBANDUNAHX".

Illi l-esponenti ilu jaghmel uzu mill-marbat "Tan-Nari" minn meta kien zghir flimkien ma' missieru u meta missieru refa' l-esponenti beda jahdem full-time u baqa' jorbot fuq dan il-marbat. Illi mix-xhieda prodotta huwa car li l-esponenti ghandu dritt t'uzu tal-marbat tan-Naqri u baqa' jgawdi dak l-uzu u qatt ma abbandunah. Huwa dan li qed jitlob l-esponenti fl-ewwel talba tieghu u cioe' li din il-Qorti tal-Appell tiddikjara illi l-attur ghandu dritt jorbot il-frejgatina tat-turisti tieghu mal-marbat jew irmigg f'Wied iz-Zurrieq maghruf bhala "Tan-Naqis".

Huwa interessanti l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fil-kawza Cutajar et (vs) Cutajar et tas-27/2/1960 meta dahlet fil-kwistjoni tad-dritt fuq l-irmiggi f'Wied iz-Zurrieq.

Il-Qorti kienet ikkunsidrat li :-

> "jekk l-atturi <u>jew l-atturi taghhom</u> ma setghux akkwistaw drittijiet ta' proprjeta' fuq il-marbat in kwistjoni, huwa gust u ekwu li din il-Qorti tara u tezamina jekk huma setghux akkwistaw l-uzu ta' dak l-istess ormegg (billi huwa qieghed f'xatt il-bahar, u dan huwa ta' dominju pubbliku, imma fl-istess hin intiz ghall-uzu generali tac-cittadini bejniethom) in forza ta' dan l-istess uzu skond il-konswetudni tollerata apertament mill-Gvern Civili."

(iii) Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, isegwi li galadarba l-esponenti pprova a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li ghandu dritt t'uzu tal-marbat f'"Tan-Naqri", l-Awtorita' konvenuta hija obbligata tohrog permess lill-esponenti biex jorbot ma' dan il-marbat. L-Awtorita' konvenuta hija soggetta ghall-ligijiet tal-pajjiz, u ghal principji ta' gustizzja naturali u ma tistax tohrog permess lill-intervenut fil-kawza u imbaghad b'"bias" u pregudizzju kbir ghall-esponenti li jahdem full-time lanqas biss tikkonsidra t-talba tieghu ghal hrug ta' permess. L-esponenti pprova kemm fix-xhieda kif ukoll b'sentenza tal-Qorti tal-1970 li torbot lill-partijiet u s-successuri fit-titolu taghhom li ghandu dritt daqs kuginuh mal-marbat Tan-Naqri.

Is-sentenza kwotata mill-Awtorita' konvenuta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha tirrifletti dak li ghamel l-esponenti ghax huwa rrikorra ghall-protezzjoni tal-Qrati, sabiex jipprotegi d-dritt tieghu li jirriklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' l-istess ordni tal_Awtorita' Marittima – ara l-Pulizja (vs) Austin Grech 6/10/92 illegata man-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Awtorita' konvenuta u wkoll riportata fil-Kollezzjoni ta' Decizjonijiet Vol. LXXVI.V.830.

Ukoll hija l-Awtorita' Marittima stess li fir-raba' eccezzjoni taghha tirrikonoxxi li trid taqdi l-fuzjonijiet taghha skond il-ligi "minghajr telf ta' xi drittijiet". Bir-rispett, l-appellant hu tal-fehma li pprova d-dritt tieghu li jorbot fuq il-marbat "Tan-Naqri" u l-inefficjenza u intransigenza tal-Awtorita' konvenuta qieghda bl-aktar mod car tippregudikah u tista' sahansitra ttelliflu l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu.

Ta' min jinnota li Giovanni DeMartino, executive mad-Direttorat tal-Yachting tal-Awtorita' Marittima kkonferma in kontro-ezami a fol. 117 li:-

> "Ma neskludix li, fil-perjodu li kont mal-Awtorita' kien hemm okkazjonijiet fejn saru 'joint applications' …….. Ma neskludix li hemm imrabat li qed jigu ntuzati aktar minn barklor wiehed."

Jigi sottomess li l-Awtorita' konvenuta hija obbligata li taqdi l-funzjonijiet taghha skond il-principju ta' gustizzja naturali u timxi b'mod ekwu u bla "bias" fil-konfront tal-applikanti kollha.

Ix-xhieda in kontro-ezami ta' Louis Zammit, xhud tal-attur u President tal-Ghaqda Blue Grotto Boat Service hija elokwenti f'dan ir-rigward (a fol. 94 tal-process) :-

> "Minn 1962 'l hawn (Bellizzi) bdew juzaw dan il-marbat ghat-turisti. Jiena applikajt il-Lands biex jirrikonoxxuni, pero' s'issa ghadhom ma rrikonoxxunix. Kulhadd jorbot bil-'jus' kif ghidna. Salvu Bellizi hu rikonoxxut mill-Maritime Authority.
>
> Mhux jiena biss ma gejtx rikonoxxut, il-parti l-kbira tal-barklora mhumiex rikonoxxuti, u ghandhom il-marbat hemm. Dan ir-rikonoxximent isir mill-Maritime Authority, mhux mill-Lands. L-applikazzjonijiet (qeghdin) ghand il-Maritime Authority, pero' m'hemmx approval."

FL-ahharnett jerga' jigi enfasizzat dak li ssottometta l-esponenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu li l-artikolu 6 (2)(b) tal-Att XVII tal-1991 iqiegħed fuq spallejn l-Awtorita' konvenuta l-oneru u "d-DMIR" li tipprovdi jew tizgura l-provvediment ta' servizzi ta' pilutagg u rmigg lill-bastimenti". Fil-qadi tad-dmirijiet li timponi fuqha l-ligi l-Awtorita' konvenuta trid timxi a bazi tal-principji ta' gustizzja naturali u bi tharis tal-jeddijiet u drittijiet tas-sidien tal-opri tal-bahar.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti tal-Appell joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet imsemmija Joseph Bellizzi et (vs) Joseph Grioli noe et tat-30 ta' April 1999 billi tikkonfermaha in kwantu li cahdet it-tieni eccezzjoni tal-intervenut fil-kawza u ddecidiet li ghandha gurisdizzjoni tisma' dan il-

kaz u tirrevokaha in kwantu li cahdet it-talbiet attrici billi tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenutu u tal-intervenut fil-kawza bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELL TA' SALVATORE BELLIZZI, INTERVENJENTI IN KAWZA**

7. L-intervenjent fil-kawza wiegeb hekk :-

(i) F'din l-istanza l-atturi jippretendu illi l-Awtorita' Marittima tohrogilhom permess ghall-marbat f'Wied iz-Zurrieq. Huma ma humiex qeghdin jippretendu permess ghall-marbat kwalsiasi izda permess ghall-marbat partikolari – dak koncess bhala 'mooring permit' lill-intervenjenti Salvatore Bellizzi.

In sostenn tal-pretensjoni taghhom l-atturi invokaw dritt ereditarju u sentenza dwar divizjoni.

(ii) L-atturi ma humiex jattakkaw il-permess mahrug lill-intervenjenti in kawza izda biss li huma jinhargilhom permess ukoll ghall-istess marbat.

(iii) Issa m'hemmx dubbju illi l-ghoti ta' permessi konsimili hu vestit b'ligi f'Awtorita' Marittima. Hija biss l-Awtorita' li ghanda dritt

tiddetermina l-hrug ta' permessi, u bhala policy gie spjegat illi l-Awtorita' ma tikkoncedix permessi ghall-istess marbat lil zewg persuni f'daqqa. F'dan il-kuncett ben tajjeb irragunat l-ewwel Qorti.

(iv) Il-kwistjoni li tinsorgi, u li tirrientra fl-istharrig gudizzjarju fl-ambitu ta' l-Artikolu 469A, hi l-ezami li jehtieg isir dwar jekk l-Awtorita' ezercitatx, o meno, l-poteri taghha lilha vestiti b'ligi espressa (Att XVII/1991). Hu biss tali ezercizzju ta' dawn il-poteri li ghandu jitqies li hu fil-ligi ghemil amministrattiv sindakabbli mill-Qorti.

(v) Ma hemmx dubbju illi l-Awtorita' Marittima ghandha l-poter li tikkonsidra talbiet ghall-'mooring permits' u li tiddeciedi dwarhom.

Jekk jigi stabbilit illi l-Awtorita' mxiet fil-parametri tal-ligi, allura mhuwiex lecitu jew konsentit illi l-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Awtorita'.

(vi) Huwa ovvju illi l-insistenza tal-atturi illi jinghataw akkost il-marbat li dwaru gie koncess permess lill-esponenti ma tistax tinghata approvazzjoni jew akkoljiment.

Ibda biex l-Awtorita' ma telqitx minn xi premessi ta' drittijiet civili u/jew amministrattivi konferiti lill-atturi jew lill-intervenjenti, qua cittadini privati,

li talvolta setghu kellhom in forza ta' drittijiet successorji, sentenzi jew 'encroachment permits'.

Hi ghamlet processar gdid u fuq it-talba tal-intervenjenti kkoncedietlu l-permess ghall-ormegg de quo. Kien biss wara l-konferiment ta' tali permess lill-intervenjenti illi l-attur ressaq talba konsimili ghall-permess ghall-istess marbat.

(vii) Jekk l-atturi u x-xhieda taghhom Michael Bellizzi (Seduta 4 ta' Marzu 1998) u Mario Schembri (Seduta 27 ta' April 1998) – izda mhud ukoll Louis Zammit (Seduta 26 ta' Jannar 1998), President tal-Ghaqda tal-Barklori – kellhom l-idea zbaljata illi ma kienux rikjesti permessi b'daqshekk ma ghandux jigi ritenut illi l-Awtorita' responsabbli wettqet ghemil li ghandu jigi konsiderat bhala null, invalidu, minghajr effett jew li jwassal ghall-kundanna tal-Qorti.

Indiskutibilment il-pretiza tal-atturi tal-uzu tal-marbat, kontestata mill-intervenjenti, u l-fatt tal-ghoti tal-permess ma humiex u m'ghandhomx jigu meqjusa bhala ekwipollenti.

(viii) Huwa mill-ottika u r-ragunament suespost, li bir-rispett kollu, l-materja ghandha tigi skrutinata. Konsegwentement l-argomenti zvolti mill-atturi 'in subjecta materia' ma ghandhoxm ikollhom ir-rispons favorevoli ta' din il-Qorti – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAL-AWTORITA' MARITTIMA TA' MALTA**

7. L-Awtorita' konvenuta wiegbet hekk :-

(i) Illi wara li twaqqfet l-Awtorita' Marittima f'1991 permezz tal-Att 27/91 kull permess jew koncessjoni li qabel kienu jinhargu mid-Dipartiment tal-Artijiet rigward irmiggi jew mrabat gew terminati. Skond l-istess Att l-Awtorita' Marittima kienet l-entita responsabbli ghal hrug ta' dawn il-permessi. Kull pesuna li xtaq ikompli jgawdi dawk id-drittijiet li kellu mad-Dipartiment tal-Artijiet ried japplika mill-gdid mal-Awtorita'. Ghaldaqstant mhux veru li Joseh Bellizzi ghandu dritt jorbot il-frejgatina tieghu mal-marbat "Tan-Naqis", dak id-dritt gie terminat fl-1991 u dan Joseph Bellizzi kien jafu ghax l-istess Dipartiment ma geddidlux l-permess.

(ii) Illi l-policy tal-Awtorita' minn dejjem kienet illi ma tohrogx aktar minn permess wiehed ghal kull marbat jew irmigg. Din il-policy tapplika specjalment gewwa Wied iz-Zurrieq fejn l-ispazju huwa ristrett hafna bejn marbat u iehor.

(iii) Illi Joseph Bellizzi applika ma' l-Awtorita' ghall-irmigg "Tan-Naqis" wara li sar jaf li Salvatore Bellizzi kien applika ghall-istess irmigg u

inhariglu permess. L-Awtorita' ma tistax tmur kontra l-policy taghha u taccetta l-applikazzjoni ta' Joseph Bellizzi wara kollox dan tal-ahhar kellu z-zmien kollu mill-1991 sal-1995 sabiex japplika.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lill-Qorti tichad ir-rikors tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni tal-Prim'Awla tat-30 ta' April 1999.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

8. Din il-Qorti tibda billi tosserva li ghalkemm fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti nnutat fiha "li ma saret ebda nota ta' l-attur", fil-fatt jirrizulta li l-attur appellant kienipprezenta nota fl-24 ta' Frar 1999. L-appellant jissottometti li b'dak li osservat dik il-Qorti kien jidher li hu gie ippregudikat sew ghax ifisser li dik il-Qorti ma haditx kont tas-sottomissjonijiet tieghu. Din il-Qorti, wara li qieset dana l-aggravju, hija tal-fehma li ghalkemm certament jekk tassew kien hemm tali nota quddiemha, l-ewwel Qorti messha ezaminata wkoll, fl-istess waqt ma jidhriliex li tali ammissjoni, jekk avverrat ruhha, timporta n-nullita' tas-sentenza. Dan il-ghaliex, taqbel jew ma taqbilx maghha s-sentenza ppronunzjata mill-ewwel Qorti, jidher li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fehmet sew x'kien il-punt determinanti tal-vertenza u ghalhekk id-decizjoni taghha kienet tkopri dak kollu li kull parti kontendenti kienet qeghda tesponi u tasserixxi.

9. Illi dwar il-meritu tal-vertenza jidher li l-atturi appellanti ghadhom jinsistu li huma ghandhom id-dritt li jorbtu l-frejgatina taghhom bin-numru 41 mal-marbat bin-numru 15 (numru moghti mill-Awtorita' konvenuta appellata) u li jinsab f'Wied iz-Zurieq, fuq liema marbat maghruf bhala "Tan-Naqis" joqghodu zewg frejgatini, u li bhalissa l-permess relativ kien inhareg biss lill-intervenut fil-kawza Saviour Bellizzi, kuginuh, li jahdem biss "part-time" mentri l-appellant Joseph Bellizzi jahdem "full-time" bil-frejgatina. Ghalhekk permezz tac-citazzjoni promotrici taghhom, l-atturi qeghdin jitolbu lill-Awtorita' Marittima ta' Malta tohrogilhom permess lilhom ukoll ghall-marbat li jinsab f'Wied iz-Zurrieq.

10. Illi ghalkemm il-bicca l-kbira tal-fatti li gew elenkati mill-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom kif ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhomipprezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili huma minnhom, pero' jibqa' l-fatt li dawn il-fatti kollha jirreferu ghall-posizzjoni antecedenti ghall-ghoti u hrug ta' permessi da parti tal-Awtorita' Marittima ta' Malta, liema Awtorita' giet imwaqqfa fl-1991 permezz ta' l-Att 27 ta' dik is-sena. Illi in forza ta' dana l-Att, l-Awtorita' Marittima ta' Malta saret dik l-entita' responsabbli ghall-hrug tal-permessi bhax-xorta mitlub mill-appellanti f'din il-kawza. Dan il-fatt mhuwiex ikkontestat mill-atturi. Issa rrizulta mill-provi li kwalunkwe permess jew koncessjoni li qabel kienu fis-sehh u li kienu allura jinhargu u jinghataw mid-Dipartiment ta' l-Artijiet rigward irmiggi jew imrabat simili gew terminati.

Kien fis-setgha u fid-diskrezzjoni ta' l-istess Awtorita', kif vestita bl-Att 27/91, li tohrog regolament gdid fis-sens li kull persuna li xtaqet tkompli tgawdi dawk id-drittijiet li seta' kellha tramite d-Dipartiment ta' l-Artijiet, riedet tapplika mill-gdid entro certu terminu ta' zmien. Jirrizulta li filwaqt li l-intervenut fil-kawza Saviour Bellizzi applika skond dan ir-regolament jew ordni, l-attur m'applikax tempestivament. Gara kwindi li l-permess inhareg biss lil Saviour Bellizzi. Issa billi skond 'policy' tal-Awtorita' Marittima, hija ma tohrogx aktar minn permess wiehed ghal kull marbat, allura lil Joseph Bellizzi, l-appellant, ma hargitlux ukoll permess meta huwa ghazel li japplika wara li kien ghaddielu t-terminu impost mill-Awtoritajiet. L-appellant irrefera ghal xi eccezzjonijiet fejn setghu inhargu jew ikkonsidrati "joint applications" jew "joint holders" izda ma jghidx ukoll jekk f'dawn il-kazi kienx hemm xi hadd li applika wara t-terminu impost. Minbarra dan, f'kull kaz jidher li l-permess xorta jinhareg lil persuna wahda. Jidher ukoll li l-Awtorita' Marittima rriferiet lill-appellant biex jara jekk 'bonarjament' setax jilhaq xi arrangament mal-intervenut fil-kawza kwantu ghall-uzu tal-marbat, izda dan ma kienx possibbli. B'daqstant pero' xejn ma nbidel mill-posizzjoni legali tal-Awtorita' dwar is-setghat moghtijin lilha u cioe' li tipprovdi u tizgura l-provvediment ta' servizz ta' irmigg lill-bastimenti, u ghandha s-setgha li tordna fejn xi bastiment ghandu jirmiggja. Hi l-Awtorita' biss li ghandha d-dritt li tiddetermina l-hrug tal-permessi relativi, inkluz dawk riferibbli ghall-imrabat li jinsabu f'Wied iz-Zurrieq.

11. Ikkunsidrat li l-atturi appellanti jikkontendu li l-permess de quo mahrug mill-Awtorita' appellata lil Saviour Bellizzi ma kienx ghajr kontinwazzjoni ta' dak li kien gja' moghti precedentement b''encroachment' lil missieru Michael Bellizzi. Dan il-punt ukoll pero' gie debitament mistharreg mill-ewwel Qorti u minkejja li bhala fatt gie rikonoxxut, fl-istess waqt dik il-Qorti gustament irriteniet izda li

> "Meta dahlet in vigore l-ligi li holqot l-Awtorita' Marittima, is-setghat gew moghtija lilha biex tiddetermina lil min tohrog permessi ghall-ormiggi. Hi ma kienitx marbuta minn xi drittijiet ta' eredita' ta' permessi li allegatament kienu jezistu fuq proprjeta' pubblika."

Fi kliem iehor, dak kollu li kien fis-sehh qabel spicca u minflok inbeda regim gdid b'regolarmenti godda. Darba li gie stabbilit li l-Awtorita' mxiet fil-parametri tal-ligi, mhux lecitu li l-Qorti tmur oltre.

12. Fl-ahharnett, din il-Qorti kkunsidrat ukoll l-aggravju l-iehor li l-ewwel Qorti, u l-Awtorita' Marittima qabilha, kien messha mxiet fuq dak li gie ritenut fil-kawza "Cutajar et vs. Cutajar" tas-27 ta' Frar 1960, Qorti ta' l-Appell, fejn inghata rikonoxximent ghal stat ta' "uzu skond il-konswetudini tollerata apertament mill-Gvern Civili" riferibbilment ghal irmiggi li jigi ppratikat fil-blat f'xatt il-bahar li huma demanjali u bhala tali huma inaljenabbli u extra commercium. Dan kollu hu validu pero' dak li huwa fondamentali f'dan ir-rikonoxximent ta' uzu u konswetudini hu l-fatt li kollox jistrieh u jiddependi mit-tolleranza da parti ta' l-awtoritajiet civili. Ifisser li appena dan l-istat ta' tolleranza jitnehha ghax ikun

imbidel, allura jsegwi li non si tratta aktar ta' xi pretensjoni bi dritt. Lanqas m'huwa eskluz li bl-implimentazzjoni tal-"policy" gdida mhaddma mill-Awtorita' Marittima li l-atturi appellanti gew li sofrew pregudizzju izda darba li kienu huma li naqsu milli jipprevalixxu rwiehhom minn dak li kien rikjest mir-regolamenti l-godda mahrugin mill-istess Awtorita', l-htija ta' tali pregudizzju huwa attribwibbli ghal nuqqas u omissjoni min-naha ta' l-atturi appellanti stess u ta' hadd izjed.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Dep/Reg

mg